A.L. 2 ta' l-1992

ATT TA' L-1990 DWAR IL-BORSA TA' MALTA (ATT NRU. XXXIII TA' L-1990)

Regolamenti ta' l-1992 dwar l-Emendar ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Borsa ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1990 dwar il-Borsa ta' Malta, il-Ministru tal-Finanzi bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Borsa, u wara li kkonsulta l-Bank Ċentrali ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 dwar l-Emendar ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Borsa ta' Malta, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda ma' l-Istatut li jinsab fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1990 dwar il-Borsa ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Istatut".

Jemenda l-Artikolu 3 ta' l-Istatut.

2. Minflok il-paragrafu (i) ta' l-Artikolu 3 ta' l-Istatut, għandu jidħol dan li ġej:—

"(i) Is-sħubija tal-Borsa għandha tkun magħmula minn *stockbrokers* liċenzjati:

Iżda persuna jew persuni nominati mill-Bank Ċentrali u approvati mill-Ministru jkunu liċenzjati mill-Kunsill sabiex jaħdem ta' *stockbroker* bil-għan ta' negozjar unikament f'titoli maħruġin mill-Gvern skond dawn il-kondizzjonijiet:

(a) dik il-persuna jew dawk il-persuni ma jkollhomx jedd li jivvotaw f'xi laqgħa tal-membri tal-Borsa u ma jkunux eliġibbli sabiex jiġu eletti membri tal-Kunsill tal-Borsa;

(b) dik il-persuna jew dawk il-persuni jistgħu jieħdu pożizzjoni u jagħmluha ta' prinċipal għall-Bank Ċentrali;

(ċ) dik il-persuna jew dawk il-persuni huma eżenti mill-applikabbilità ta' dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' l-Istatut:

— fl-Artikolu 3, is-subparagrafi (b) u (ċ) tal-paragrafu (iii), il-paragrafi (iv) sa (vi), (ix), (xiii) u (xiv) tiegħu;

— fl-Artikolu 5, il-paragrafi (viii) sa (xv) tiegħu;

— fl-Artikolu 6, il-paragrafu (ii) tiegħu.".

Jemenda l-Artikolu 4 ta' l-Istatut.

3. Fis-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (iii) ta' l-Artikolu 4 ta' l-Istatut, minflok il-kliem "inabilit, u ma jkunx jista' jħallas" għandhom jidħlu l-kliem "inabilit, jew ma jkunx jista' jħallas".